

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1027****tal-24 ta' Ġunju 2016****li jistabbilixxi l-koeffiċjenti ta' allokkazzjoni li trid tiġi applikata għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib li għandhom jiġu esportati lejn ir-Repubblika Dominikana skont il-kwota msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1187/2009**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 188 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kapitolu III(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 <sup>(2)</sup> jiddetermina l-proċedura għall-allokkazzjoni ta' liċenzji tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib li għandhom ikunu esportati lejn ir-Repubblika Dominikana skont kwota miftuħa għal dak il-pajjiż.
- (2) Il-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 jipprevedi l-possibbiltà li l-operaturi jressqu applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni mill-20 sat-30 ta' Mejju, għal importazzjonijiet matul sena ta' kwota mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Huwa xieraq, skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009, li jiġi ddeterminat safejn jistgħu jingħataw il-liċenzji għall-kwantitajiet mitluba u li jiġi ffissat koeffiċjent ta' allokkazzjoni għal kull parti tal-kwota.
- (3) L-applikazzjonijiet imressqa bejn l-20 u t-30 ta' Mejju 2016 ikopru kwantitajiet iżgħar minn dawk disponibbli. Bħala riżultat, huwa xieraq, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(3) tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 biex tiġi iffissata l-kwantità li jifdal li għalihom l-applikazzjonijiet tal-liċenzji jistgħu jintefgħu mill-1 sal-10 ta' Novembru 2016,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni ppreżentati mill-20 sat-30 ta' Mejju 2016 għandhom jiġu aċċettati.

Il-kwantitajiet koperti bl-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 27(2) tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009, għandhom ikunu mmultiplikati bil-koeffiċjenti tal-allokkazzjoni li ġejjin:

- 1,00 għall-applikazzjonijiet ippreżentati għall-parti tal-kwota msemmija fl-Artikolu 28(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009,
- 1,00 għall-applikazzjonijiet ippreżentati għall-parti tal-kwota msemmija fl-Artikolu 28(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009.

Il-kwantità li jifdal kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(3) tar-Regolament (KE) Nru 1187/2009 għandha tkun ta' 8 095 tunnellata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jistipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-liċenzji tal-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib (ĠUL 318, 4.12.2009, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Jerzy PLEWA  
Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---